MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2012

Numru. 586/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Priscilla Caruana u**
**Spettur Kevin Pulis]**

**vs**

**Joseph Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Schembri detentur tal-karta tal-identita` numru 372761(M).

Akkuzat talli fl-1 ta' Gunju, 2012 u fix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer:
1. Ikkommetta serq ta' diesel minn gewwa Birzebbugia ghad-dannu ta' Francesco Schembri u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-persuna, bil-valur li jammonta iktar minn mitejn u tnejn u

tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jaqbizx elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. u aktar talli fl-istess data, hin u f'dawn il-gzejjer xjentament laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentament b'kull mod li jkun imdahhal biex ibieghhom jew imexxihom liema reat jikkonsisti f'serq li huwa aggravat bil-hin, persuna, valur u bix-xorta tal-haga misruqa.

Rat ir-Rikors ghall-ftuh bl-urgenza tal-Qorti liema rikors gie milqugh.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 263, 267, 268, 270, 271 u 279(a) tal-tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Joseph Schembri hati tal-ewwel akkuza biss stante li t-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed tikkundannah seba' (7) xhur prigunerija sospizi ghal sena ulterjorment u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat sabiex ihallas is-somma ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum lil Francesco Schembri u/jew Schembri & Sons Ltd.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------